

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1338**tal-4 ta' Awwissu 2016****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo ***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/39/PESK ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Samuel ŽBOGAR bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo.
- (2) Fis-16 ta' Novembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052 ⁽²⁾ li testendi l-mandat tar-RSUE sat-28 ta' Frar 2017.
- (3) B'segwitu għall-ħatra tas-Sur Samuel ŽBOGAR għal kariga oħra, is-Sinjura Nataliya APOSTOLOVA għandha tinħatar bħala RSUE ġdid fil-Kosovo għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sat-28 ta' Frar 2017.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (5) Ir-RSUE ser timplimenta l-mandat tagħha fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emenda tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052**

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1***Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

1. Il-mandat tas-Sur Samuel ŽBOGAR bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwissu 2016.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/39/PESK tal-25 ta' Jannar 2012 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU L 23, 26.1.2012, p. 5).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2052 tas-16 ta' Novembru 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU L 300, 17.11.2015, p. 22).

2. Is-Sinjura Nataliya APOSTOLOVA hija b'dan maħtura bħala r-RSUE fil-Kosovo għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sat-28 ta' Frar 2017.
3. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LAJČÁK
